# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 3**

**Citazzjoni Numru 116/09 RGM**

**Brian Calleja**

**v.**

**Sylvana Calleja**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fl-10 ta' Dicembru 2015 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha l-ewwel Qorti iddecidiet, inter alia, billi, filwaqt li awtorizzat lill-partijiet konjugi Calleja jghixu separatament minn xulxin iddikjarat "illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu l-partijiet f'sehem indaqs bejniethom minhabba adulterju u eccessi da parti tal-konvenuta u minhabba adulterju, eccessi u agir vjolenti da parti tal-attur" u billi, fl-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet assenjat

il-lokazzjoni tad-dar matrimonjali, liema dritt ta' lokazzjoni huwa parafernali tal-attur, lill-konvenuta ad eskluzjoni tal-istess attur; bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Is-Sentenza Appellata**

2. L-ewwel Qorti, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija ghas-separazzjoni, waslet ghall-konkluzjoni li *"kemm il-mara kif ukoll ir-ragel ikkommettew adulterju li kien il-kagun principali ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet……"*

3. Dwar il-komunjoni tal-akkwisti u senjatament dwar id-dritt ta' lokazzjoni fuq il-fond de quo, l-ewwel Qorti osservat li *"…. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li [il-lokazzjoni tad-dar matrimonjali hi parafernali tar-ragel, billi l-fond kien originarjament okkupat min-nannu tieghu b'lokazzjoni, l-attur in fatti jinsisti li ghandu jinghata d-dritt li d-dar jokkupaha hu, ma ibnu minuri kemm il-darba dan ikun irid, ad eskluzjoni ta' martu".*

4. Fir-rigward tal-imsemmi dritt ta' lokazzjoni l-ewwel Qorti fil-parti operattiva tas-sentenza tghid li qed *"tassenja l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali lill-mara……."*

**L-Appell**

5. L-appell tal-attur huwa bazat fuq aggravju wiehed u hu limitat ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenuta l-lokazzjoni tal-fond 174 Our Nest, Triq San Giljan, San Gwann.

6. L-attur qed jibbaza l-aggravju tieghu fuq is-segwenti sottomissjonjiet:

7. [1] Li, stante li l-partijiet ghandhom mezzi modesti u m'ghandhomx proprjeta` immobbli, kull parti li ma tkunx qed tghix fid-dar matrimonjali trid issib residenza alternattiva. Huwa jissenjala l-fatt li tul il-proceduri odjerni, li jirrizalu ghall-15 ta' April 2009, huwa halla lill-konvenuta tghix fl-imsemmija dar flimkien mat-tfal tal-partijiet "sabiex it-tfal ikunu jistghu jabitaw mal-omm fi trankwillita`".

8. [2] Hu pacifiku bejn il-partijiet li l-fond huwa mikri mill-gvern lin-nannu[1] tal-attur u ghalhekk, id-dritt tal-inkwilinat ma jifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

9. [3] Li jekk id-dritt lokatizju jigi assenjat lill-konvenuta dan jista' jwassal ghal "konsegwenzi hziena ghall-fatt li l-mara tista' tonqos milli

[1] Fl-Affidavit taghha l-konvenuta tghid li parti mill-fond kien mizmum minn nannu tal-attur b' titolu ta' qbiela u li l-korrispettiv jithallas lill-Ufficju Kongunt.

tosserva l-obbligazzjonijiet taghha bhala inkwilina, jew tista' anke intenzjonalment taghmel azzjonijiet li jiksru d-dettami tal-ligi gravanti inkwilin bil-konsegwenza li t-titolu lokatizju jigi pregudikat jekk mhux aghar sahansitra mitluf".

10. [4] L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ghat-tkissir taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet "f'sehem indaqs bejniethom" tant li applikat is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront taz-zewg partijiet.[2]

11. Ghaldaqstant l-attur qed jitlob li s-sentenza appellata tigi riformata billi, filwaqt li l-Qorti tikkonfermaha in kwantu ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-attur, tirrevoka dik il-parti tar-raba' talba fejn l-ewwel Qorti assenjat il-lokazzjoni tad-dar matrimonjali lill-konvenuta u, minflok tassenjaha lill-attur u tikkonferma l-kumplament tar-raba' talba.

12. Minn naha taghha l-konvenuta fir-risposta taghha qed titlob li l-appell tal-attur jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

13. Fir-risposta taghha l-konvenuta tilqa' ghall-aggravju tal-attur bis-segwenti sottomissjonijiet:

---

[2] Vide sentenza moghtija fl-10 ta' Dicembru 2015 fil-kawza numru 468/08 fl-ismijiet inversi

14. [1] Li l-fond mikri minghand il-gvern ilu jservi bhala dar matrimonjali tal-partijiet ghal numru ta' snin, senjatament 14-il sena.

15. [2] Li kien l-attur li telaq mid-dar u abbanduna lill-konvenuti u liz-zewg uliedu sabiex mar ma' mara ohra f'residenza ohra.

16. [3] Li, filwaqt li l-attur jahdem bhala kuntrattur tal-bini, il-konvenuta ma tahdimx u ma ghandhiex fejn tghix la hi u lanqas it-tfal tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li hadd mill-partijiet ma appella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ghat-tkissir taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet "f'sehem indaqs" ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza appellata, fosthom l-adulterju kommess miz-zewg nahat. Ghalhekk dan il-pronunzjament tal-ewwel Qorti llum huwa *res iudicata*.

18. Ukoll jidher li l-ewwel Qorti accettat il-verzjoni tal-konvenuta li l-attur kien telaq mid-dar matrimonjali meta dahal f'relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra, filwaqt li l-konvenuta baqghet tirrisjedi flimkien mat-tfal tal-partijiet fid-dar matrimonjali tul il-proceduri kollha.

19. Jidher ukoll li l-ewwel Qorti ikkonsidrat dan il-komportament tal-attur, kif ukoll il-fatt li t-tfal tal-partijiet baqghu jighixu fid-dar flimkien ma' ommhom, meta waslet ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, jigifieri li taghti dritt lill-istess konvenuta li din tibqa' tghix fl-imsemmi fond ad eskluzjoni tal-attur.

20. Din il-Qorti pero` hi tal-fehma li, ladarba jirrizulta pacifiku li d-dritt ta' lokazzjoni ma jifformax parti mill-komunjoni ezistenti bejn il-partijiet izda jista' jigi ikkonsidrat bhala dritt parafernali tal-attur u, ladarba z-zewg partijiet instabu hatja tat-tkissir taz-zwieg b'sehem indaqs bejniethom, allura l-ewwel Qorti kellha taghti aktar piz lit-talba tal-attur sabiex dan id-dritt parafernali tieghu ma jigix assenjat lill-konvenuta. Dan qed jinghad, kemm ghax dak mitlub mill-attur fir-rikors guramentat tieghu huwa l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-<u>assi tal-komunjoni ezistenti</u> bejn il-partijet, kif ukoll ghax id-dritt tal-lokazzjoni fuq l-imsemmi fond huwa parafernali tal-attur u bhala tali ma kellux jigi meqjus bhala formanti parti mill-assi tal-komunjoni li taghha l-attur talab il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni. Ghalhekk dik il-parti tas-sentenza operattiva li tghid li dik il-Qorti qed "tassenja l-lokazzjoni" tad-dar matrimonjali lill-konvenuta hija fil-minimu taghha impreciza u kienet tkun aktar preciza l-ewwel Qorti li kieku qalet li kienet qed tawtorizza lill-konvenuta tibqa' tghix fid-dar matrimonjali a tenur tal-Artikolu 55A tal-Kodici Civili. Din il-

konsiderazzjoni tassumi aktar qawwa fid-dawl ta' dak li ser jigi osservat fil-paragrafu sussegwenti fejn ser jigi limitat il-perjodu li fih il-konvenuta ghandha tigi awtorizzata tibqa' tghix fl-imsemmi fond.

21. Din il-Qorti tosserva li jirrizuta li hemm elementi ta' provi mhux kontrastati li ragjonevolment ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, id-dritt parafernali tal-attur ma jigix mehud minnu permanentement u assenjat lill-konvenuta, izda l-konvenuta kellha tigi awtorizzata tghix fl-imsemmi fond ghall-perjodu ta' zmien ragjonevoli sakemm il-konvenuta ssib post ta' akkomodazzjoni alternattiv u sakemm it-tfal, li llum ghandhom 22 sena u 17-il sena rispettivament, ikunu f'eta` aktar matura sabiex jaffrontaw ic-caqliq mir-residenza attwali taghhom fejn trabbew u jmorru jghixu f'post iehor.

22. Din il-Qorti, wara li ikkonsidrat li minn naha wahda il-konvenuta baqghet, u ghadha, tghix fid-dar matrimonjali tul il-proceduri kollha u, minn naha l-ohra wara li hadet kont tal-eta` tat-tfal partikolarment tal-minuri, hija tal-fehma konsidrata li perjodu ta' tlett snin meta allura t-tieni wild jilhaq l-eta` ta' 20 sena ghandu jkun perjodu ragjonevoli li matulu l-konvenuta tkun awtorizzata tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ghad-eskluzjoni tal-attur, u dan a tenur tal-Artikolu 55A [1][3] tal-Kodici Civili.

[3] Dan l-artikolu fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk: " (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq

Mal-iskadenza tal-perjodu ta' tlett snin, jispicca dan id-dritt taghha, moghti minn din il-Qorti, li tibqa' tabita fil-fond in kwistjoni.

23. Rigward dik il-parti tal-ilment tal-attur li tipprospetta l-kaz ta' inadempjenza tal-obbligi tal-inkwilin da parti tal-konvenuta, din il-Qorti tirriferi ghal dak li jghid l-Artikolu 55A [2] li fil-kaz li parti tkun giet awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali. *"Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-Artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi."* Dan l-artikolu jipprevedi li fil-kaz li l-attur jara li matul is-soggjorn taghha fid-dar matrimonjali l-konvenuta tagixxi b'mod li tipperikola d-dritt ta' inkwilinat li l-attur ghandu fuq il-fond de quo, dan jista' jagixxi bis-sahha ta' dak l-artikolu sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

24. Barra minnhekk ghandu jigi osservat li, stante li d-dritt tal-inkwilinat kien u baqa' parafernali tal-attur allura fil-ligi l-obbligu tal-hlas tal-kera jinkombi fuqu u mhux fuq il-konvenuta li qed tigi awtorizzata tibqa' tghix ghall-perjodu limitat fil-fond li, matul il-konvivenza matrimonjali kien iservi bhala d-dar matrimonjali, u dan bis-sahha tal-artikolu precitat.

25. Ghaldaqstant l-aggravju tal-attur qed jigi milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

---

it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi: [a] ) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; …."

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament billi, filwaqt li tirrevoka dik il-parti tad-*decide* fejn l-ewwel Qorti qalet li "tassenja d-dar matrimonjali lil mara", tirriforma dik il-parti tas-sentenza appellata billi, filwaqt li tiddikjara li d-dritt tal-inkwilinat fuq l-imsemmi fond jibqa' parafernali tal-attur, tawtorizza lill-konvenuta flimkien mat-tifel minuri tal-partijiet tkompli tabita fl-imsemmi post ghall-perjodu li ma jeccedix it-tlett snin mid-data ta' dan il-gudizzju, wara liema perjodu l-konvenuta ghandha tivvaka l-fond u tikkonsenja c-cwievet tal-post vakant lill-attur.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jigu sopportati mill-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [$^2/_3$] mill-konvenuta u terz [$^1/_3$] mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df